

Brussell, 20 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15701/23

JAI 1530
MIGR 404
ASIM 109
SOC 806
EMPL 580

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	16 ta' Novembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 715 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI dwar il-Mobilità tal-Filiet u t-Talenti

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 715 final.

Mehmuż: COM(2023) 715 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.11.2023
COM(2023) 715 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

dwar il-Mobilità tal-~~H~~iliet u t-Talenti

1. INTRODUZZJONI

Forza tax-xogħol b'ħiliet hija kruċjali għall-kompetittività tal-ekonomija tal-UE, u l-kapaċità tagħha għat-tkabbir u l-innovazzjoni. L-impjegaturi qed isibuha diffiċli biex isibu l-ħaddiema li jeħtieġu. Is-sett ta' Għodod tad-Demografija reċenti tal-Kummissjoni wera kif it-tixjiħ demografiku tal-Ewropa jkompli jsaħħa l-isfida¹. **L-UE teħtieġ b'mod urġenti li tieħu azzjoni biex tagħti spinta lill-forza tax-xogħol tagħha.**

In-nuqqas ta' ħaddiema fl-UE jaffettwa varjetà ta' impjegi u setturi fil-livelli kollha tal-ħiliet inklużi l-kura tas-saħħa, il-kura fit-tul u l-attivitajiet ta' xogħol soċjali, il-konstruzzjoni, il-manifattura, it-trasport u l-ħżin, l-akkomodazzjoni u s-servizzi tal-ikel, l-ingenierija, l-attivitajiet tekniċi u xjentifiċi u t-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT, Information and Communications Technology). Hemm diskrepanzi prevedibbli fil-ħiliet f'oqsma essenzjali hekk kif l-UE tadatta għal dinja li qed tinbidel. Bil-politiki t-tajba fis-seħħ, it-**tranżizzjoni ekoloġika** se toħloq bejn 1 u 2,5 miljun impjieg addizzjonali sal-2030. It-**tranżizzjoni diġitali** se żżid id-domanda kemm għal għarfien espert tal-ICT ta' livell għoli kif ukoll għal ħiliet diġitali bażiċi, bl-UE attwalment 11 miljun inqas mill-mira tagħha ta' 20 miljun professjonist tal-ICT impjegati sal-2030².

Is-Sena Ewropea tal-Ħiliet tenfasizza li approċċ strateġiku għas-soluzzjoni tan-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet huwa u se jibqa' indispensabbli. Dan ix-xogħol irid jibda mid-dar. Fil-qofol tal-politika tas-suq tax-xogħol tal-UE hemm miżuri għat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol domestika³, l-attivazzjoni ta' gruppi b'parteċipazzjoni aktar baxxa fis-suq tax-xogħol⁴ b'appoġġ immirat għar-reġjuni li qed jiffaċċjaw depopolazzjoni u nuqqas ta' ħiliet, u għall-mobilità intra-UE. Diġà għaddejjin ħafna azzjonijiet (ara s-sommarju fl-Anness), li jippromwovu sistemi u prattiki għar-rikonossiment tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet, jgħinu lill-mobilità tal-forza tax-xogħol tnaqqas l-ostakli fis-Suq Uniku u jsaħħu l-mobilità tal-istudenti. Madankollu, dawn l-azzjonijiet waħedhom mhux se jkunu biżżejjed biex jissodisfaw id-domanda. B'ħiliet ta' livell għoli madwar id-dinja, il-kompetittività futura tal-UE se tkun influwenzata mill-kapaċità tagħha li tattira talent globali u ttiprovdi ambjent ta' appoġġ biex **twassal lin-nies fil-livelli kollha tal-ħiliet lejn l-Ewropa.**

L-UE se tkompli **tapprofondixxi l-kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab**, filwaqt li tiżgura approċċ ta' benefiċċju reċiproku fil-ftuħ ta' perkorsi ġodda għall-migrazzjoni legali, toffri appoġġ fl-iżvilupp tal-ħiliet u tippromwovi l-migrazzjoni ċirkolari sabiex jiġi miġġieled l-eżodu ta' mħuħ.

Din il-Komunikazzjoni u l-proposti li jakkumpanjawhom jippreżentaw sett ta' azzjonijiet li jsaħħu lil xulxin biex l-UE ssir aktar attraenti għat-talent li jkopri l-firxa sħiħa ta' okkupazzjonijiet fejn il-ħiliet jistgħu jkunu meħtieġa mill-impjegaturi kif ukoll biex tingħata spinta lill-mobilità intra-UE. Din tindirizza l-ostakli għar-reklutaġġ internazzjonali u tgħin biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu jistgħu jagħmlu użu sħiħ mill-ħiliet u l-kwalifiki tagħhom fl-Ewropa. L-inizjattivi ppreżentati għandhom l-għan **li jużaw l-appoġġ tal-UE u l-piż ikkombinat tal-UE biex jgħinu lill-Istati Membri jikkompetu fit-tellieqa**

¹ COM(2023) 577 final.

² Mira stabbilita f'COM(2021) 118 final. Statistika meħuda mis-sett tad-*data* tal-Eurostat dwar speċjalisti impjegati fl-ICT, disponibbli fuq: [Statistiki | Eurostat \(europa.eu\)](https://statistiki.eurostat.europa.eu)

³ Il-forza tax-xogħol domestika tal-UE tinkludi ċittadini tal-UE impjegati u qiegħda u ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment.

⁴ Bħan-nisa, iż-żgħażaġħ, il-ħaddiema akbar fl-età, il-persuni b'diżabilità, ir-Rom u l-persuni bi sfond ta' migrazzjoni.

globali għat-talent. Għodod ġodda proposti jgħinu **fit-tqabbil tal-impjiegi** bejn l-impjegaturi tal-UE u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed ifittxu xogħol fl-UE. L-azzjoni fil-livell tal-UE jista' jkollha impatt akbar mill-isforzi tal-Istati Membri individwali, b'mod li toħloq każ aktar konvinċenti biex jattira l-impjegaturi tal-persunal, u tuża l-ekonomiji ta' skala biex tnaqqas l-ostakli għar-reklutaġġ. Il-fatt li jkun aktar faċli li wieħed jiċċaqtaq fi ħdan l-UE – bħal miżuri għall-promozzjoni tal-mobilità fit-tagħlim – għandu wkoll impatt pożittiv għal dawk minn barra l-UE li qed ifittxu li jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol tal-UE.

L-azzjonijiet stabbiliti għandhom l-għan li jiżguraw **approċċ trażversali u ta' gvern sħiħ. Dan jibni fuq il-ħidma eżistenti inkluż il-pakkett dwar il-Ħiliet u t-Talenti u l-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil**, kif ukoll fuq **il-kooperazzjoni li għaddejja ma' pajjiżi terzi**. L-implimentazzjoni se tiddependi fuq il-kontribut tal-awtoritajiet tal-migrazzjoni u l-impjiegi tal-Istati Membri, l-atturi fil-livelli lokali u reġjonali, is-sħab soċjali, in-negożji, u l-kontropartijiet tagħhom fil-pajjiżi sħab.

2. KIF IL-MOBILITÀ TAT-TALENTI MINN PAJJIŻI MHUX TAL-UE TISTA' TKUN PARTI MIS-SOLUZZJONI

L-iskala tal-isfidi tal-ħiliet li qed tiffaċċja l-UE tfisser **li l-miżuri ta' politika kollha disponibbli jridu jiġu mobilizzati**.

Diġà lllum, **iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi diġà jagħtu kontribut fundamentali** għas-suq tax-xogħol tal-UE u għall-ekonomija tal-UE. Daqs 13 % tal-ħaddiema ewlenin li jwettqu funzjonijiet essenzjali huma ċittadini ta' pajjiżi terzi⁵. L-Istati Membri qed jifihru dejjem aktar is-swieq tax-xogħol tagħhom għal ċittadini ta' pajjiżi terzi bil-ħiliet meħtieġa biex jindirizzaw in-nuqqasijiet. Fl-2022, inħarġu madwar 1,6 miljun permess ta' residenza lil ċittadini ta' pajjiżi terzi fl-UE għal skopijiet ta' impjieg⁶, l-ogħla ċifra minn meta l-Eurostat beda jiġbor ir-rekords fl-2009. L-okkupazzjonijiet b'nuqqasijiet għandhom it-tendenza li jkollhom schem akbar ta' ħaddiema li twieldu barra mill-UE⁷.

Diversi **Stati Membri reċentement implimentaw jew bħalissa qed jiddiskutu riformi fis-sistemi tagħhom ta' migrazzjoni tal-ħaddiema biex jiffaċilitaw id-dħul minn barra l-pajjiż**⁸. Madankollu, l-approċċi tal-Istati Membri jvarjaw, l-informazzjoni dwar l-iskemi tal-migrazzjoni mhux dejjem tkun faċli biex tinstab⁹, u l-kooperazzjoni mal-pajjiżi sħab spiss tkun frammentata, u dan kollu jagħmel lill-UE inqas attraenti għall-ħaddiema potenzjali.

In-nuqqas ta' attrazzjoni u użu aħjar tal-ħiliet tal-ħaddiema minn barra l-UE f'nuqqas ta' okkupazzjonijiet se jwassal għal domanda kontinwa mhux issodisfata għall-ħaddiema fil-livelli kollha tal-ħiliet, li tnaqqas it-tkabbir ekonomiku u taffettwa l-kwalità tas-servizzi.

⁵ Ħaddiema Ewlenin Immigranti: Il-Kontribut tagħhom għar-Rispons tal-Ewropa għall-COVID-19: https://joint-research-centre.ec.europa.eu/jrc-news-and-updates/crucial-contribution-migrant-workers-europes-coronavirus-response-2020-05-13_en

⁶ [Kważi 3,7 miljun permess ta' residenza maħruġa fl-2022 - Products Eurostat News - Eurostat \(europa.eu\)](#)

⁷ Ir-rapport tal-2023 dwar l-Impjiegi u l-Iżviluppi Soċjali fl-Ewropa.

⁸ Pereżempju, il-Ġermanja adottat riforma tal-migrazzjoni tal-ħaddiema f'Ġunju 2023, bil-gvern isemmi l-ħtieġa li jiġu attirati 400 000 ċittadin ta' pajjiżi terzi kull sena. L-Italja adottat digriet ġdid dwar il-migrazzjoni legali f'Lulju 2023, li jsemmi l-ħtieġa għal 833 000 ċittadin ta' pajjiżi terzi bejn l-2023 u l-2025, f'firxa wiesgħa ta' setturi inklużi l-kura soċjali, it-trasport, it-turiżmu u l-agrikoltura. Ara l-Anness 8 tar-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt dwar ir-Riżerva ta' Talent tal-UE (SWD(2023) 717 final) għal aktar informazzjoni dwar il-politiki tal-Istati Membri dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema.

⁹ Filwaqt li hemm fis-seħħ Portal tal-UE dwar l-Immigrazzjoni, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-impjegaturi mhux dejjem ikunu konxji tiegħu, u ma joffrix informazzjoni li hija personalizzata għal sitwazzjonijiet individwali.

Huwa meħtieġ li l-UE ssir attraenti għat-talent globali mhux biss biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet iżda wkoll biex **jiġu xprunati l-innovazzjoni u l-progress teknoloġiku**. Individwi eċċellenti jista' jkollhom impatt enormi fuq il-kapaċità tal-UE li tkun innovattiva u li ttejjeb mudelli ġodda ta' negozju. Pereżempju, jekk l-UE tixtieq issir mexxejja fit-teknoloġiji fixkiela u t-tranżizzjoni lejn Web 4.0 u d-dinjiet virtwali¹⁰, huwa essenzjali li dan is-segment dejjaq ta' ħiliet ta' livell għoli jiġi indirizzat, fejn il-kompetizzjoni globali għat-talent hija l-aktar akuta. Pajjiżi bħall-Istati Uniti u l-Kanada għandhom fis-seħħ skemi ddedikati mmirati lejn individwi b'talent b'ħiliet imfittxija¹¹, kif jagħmlu xi Stati Membri¹².

Nagħmlu l-UE aktar attraenti għat-talent minn barra l-pajjiż

L-indikatur tal-attraenza tat-talent tal-OECD¹³ juri li l-UE qed tonqos milli tikkompeti b'suċċess għall-aħjar talent globali. L-UE **b'mod kollettiv bħalissa tinsab imtaqla bil-piż tagħha** biex tattira ħaddiema tas-sengħa minn barra l-pajjiż¹⁴. Minkejja l-kwalità għolja tal-ħajja u l-opportunitajiet disponibbli fl-UE, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ma jikkwotawx l-Istati Membri tal-UE fost l-aktar destinazzjonijiet mixtieqa tagħhom, u jippreferu membri oħra tal-OECD bħal New Zealand, l-Awstralja, l-Istati Uniti jew il-Kanada. It-tagħlim tal-lingwa tal-pajjiżi ta' destinazzjoni jista' wkoll ikun fattur f'dan. Stat Membru wieħed biss (l-Iżvezja) jidher fl-ewwel ħames pajjiżi tal-indikatur tal-attraenza tal-OECD għal ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet.

Il-migrazzjoni legali hija kompetenza kondiviża, li jfisser li l-Istati Membri jżommu d-dritt sħiħ li jiddeterminaw il-volumi ta' ammissjonijiet. Madankollu, huma jiffaċċjaw ukoll **sfidi u ħtiġijiet komuni**. Il-promozzjoni tal-UE bħala destinazzjoni attraenti għat-talent barrani tista' tkun ta' benefiċċju għall-Istati Membri kollha, u tippermetti lil dawk bi profil internazzjonali aktar baxx jew b'inqas riżorsi li jattiraw it-talent biex jibbenefikaw mill-akkomunament tal-isforzi u tirrifletti l-integrazzjoni tal-ekonomija tal-UE. Il-kooperazzjoni tal-UE tgħin ukoll lill-Istati Membri u lill-impjegaturi jindirizzaw sfidi prattiċi kondiviżi: il-valutazzjoni tal-ħiliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, it-tqabbil tagħhom mal-impjegaturi u l-istrutturar tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

Għaddejja ħidma biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fil-qafas leġislattiv. Il-“kontroll tal-idoneità” tal-migrazzjoni legali tal-2019¹⁵ wera li l-*acquis* tal-UE f'dan il-qasam kien frammentat u ma għamilx biżżejjed biex iżid l-attraenza ġenerali tal-UE. Minn dak iż-żmien 'l hawn, ġiet adottata Direttiva riveduta dwar il-Karta Blu tal-UE¹⁶, li tintroduċi regoli aktar effiċjenti biex jattiraw ħaddiema b'ħiliet għolja (l-iskadenza għall-implimentazzjoni tagħha hija Novembru 2023). Kif stabbilit fil-pakkett dwar il-Ħiliet u t-Talenti¹⁷, għaddejjin negozjati dwar il-proposti tal-Kummissjoni biex jiġu rieżaminati d-Direttiva dwar il-Permess Uniku¹⁸ u d-Direttiva dwar ir-Residenti fit-Tul¹⁹ sabiex jiġu ssimplifikati l-proċeduri tal-

¹⁰ Ara COM(2023) 442 final.

¹¹ Ara pereżempju l-viża O-1A tal-Istati Uniti.

¹² Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni, [Rapport ta' Sinteżi dwar Perkorsi Migratorji għal Negozi Ġodda u Imprendituri Innovattivi fl-Unjoni Ewropea](#), Diċembru 2019.

¹³ [Attrazzjoni tat-Talenti għall-2023 - L-OECD](#)

¹⁴ Ara r-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt dwar ir-Riżerva ta' Talent tal-UE għal analiżi ulterjuri, SWD (2023) 717 final.

¹⁵ SWD(2019) 1056 final.

¹⁶ Id-Direttiva (UE) 2021/1883 tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar il-kondizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjeg bi kwalifiki għoljin, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE.

¹⁷ COM(2022) 657 final.

¹⁸ COM(2022) 655 final.

migrazzjoni legali. Bħala segwitu, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tesplora aktar rotot potenzjali ta' migrazzjoni legali lejn l-UE fi tliet oqsma importanti: il-kura fit-tul, il-mobilità taż-żgħażaġh, u l-intraprendituri innovattivi.

Il-pakkett dwar il-Ħiliet u t-Talenti għamilha ċara li – minħabba l-iskala tal-ostakli prattiċi għar-reklutaġġ ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi – **il-miżuri leġiżlattivi eżistenti mhumiex biżżejjed**. It-tqabbil internazzjonali tal-impjiegi għadu kumpless wisq u għali kemm għaċ-ċittadini mhux tal-UE kif ukoll għall-impjegaturi²⁰, b'mod partikolari l-SMEs b'riżorsi limitati. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi spiss jiffaċċjaw spejjeż sinifikanti bħal tariffi amministrattivi jew spejjeż tat-traduzzjoni. Lil hinn mill-piż finanzjarju, **il-komplessità u t-tul tal-proċeduri għar-reklutaġġ internazzjonali huma diżsważivi** kemm għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kif ukoll għall-impjegaturi²¹ – b'aktar minn nofs (52 %) il-kumpaniji li jirreklutaw barra mill-UE jsibuha diffiċli ħafna jew moderatament diffiċli²². Il-problemi fl-aċċess għal informazzjoni ċara dwar ir-regoli u l-proċeduri tal-migrazzjoni legali huma ostaklu ieħor li ilu jeżisti²³.

Kif enfasizzat fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2022 tal-President von der Leyen, l-isfidi marbuta mar-**rikonossiment tal-kwalifiki ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi** spiss huma ostaklu prattiku ieħor li jiddiswadi lill-ħaddiema milli jiġu fl-UE. L-Istati Membri għandhom obbligi partikolari li jikkonċernaw dawk il-professjonijiet li huma rregolati fl-Istati Membri kollha. Fil-livell tal-UE ġew definiti standards minimi ta' taħriġ għal seba' professjonijiet (bħall-infermiera u t-tobba) skont il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar ir-rikonossiment tal-kwalifiki professjonali (id-Direttiva 2005/36/KE). Ir-regolamentazzjoni ta' professjonijiet oħra hija kompetenza nazzjonali²⁴. Mijiet ta' professjonijiet huma rregolati f'xi Stati Membri biss, bħall-ingeniera ċivili jew it-tekniki tat-tisħin. Jistgħu jkunu meħtieġa deċiżjonijiet ta' rikonossiment formali għall-aċċess għal professjoni, iżda wkoll għall-finijiet ta' migrazzjoni legali jew aċċess għal aktar studju.

Ir-rikonossiment tal-kwalifiki huwa essenzjali biex jiġi żgurat li l-ħaddiema li jidħlu f'ċerti professjonijiet ikollhom edukazzjoni, taħriġ jew esperjenza suffiċjenti. Madankollu, il-proċessi għar-rikonossiment tal-kwalifiki ta' pajjiżi terzi spiss ikunu **għaljin wisq, kumplessi u jieħdu ħafna ħin**. Dawn jirrappreżentaw ukoll piż amministrattiv sinifikanti għall-Istati Membri, minħabba nuqqas ta' informazzjoni dwar sistemi ta' kwalifiki ta' pajjiżi terzi, għbir limitat ta' għarfien espert u riżorsi fil-livell tal-UE, u diffikultajiet fil-verifika tal-awtenticietà tad-dokumenti.

Ħafna okkupazzjonijiet li qed jiffaċċjaw skarsezzi mhumiex rregolati. F'dawn il-każijiet, l-impjegaturi għandhom id-diskrezzjoni li jiddeċiedu jekk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhomx il-profil it-tajjeb abbażi tal-kwalifiki, l-esperjenza u l-ħiliet tagħhom u mhuwiex meħtieġ proċess ta' rikonossiment formali. Madankollu, in-nuqqas ta' fehim u **fiduċja** tal-

¹⁹ COM(2022) 650 final.

²⁰ Ara r-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt dwar ir-Riżerva ta' Talent tal-UE għal aktar dettalji (SWD(2023) 717 final). Dan jistma li l-ispiża medja għar-reklutaġġ ta' ċittadin ta' pajjiż terz tista' tkun bejn EUR 1 500 u EUR 2 500 (esklużi l-ispejjeż tar-rilokazzjoni), li jistgħu jiżdiedu għal EUR 8 500 - 10 000 jekk ikunu meħtieġa s-servizzi tal-aġenziji tar-reklutaġġ.

²¹ It-tul medju huwa ta' 4-6 xhur.

²² Ewrobarometru Flash 529: Sena Ewropea tal-Ħiliet; Nuqqas ta' ħiliet, strateġiji ta' reklutaġġ u żamma f'intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

²³ Kontroll tal-idoneità tal-migrazzjoni legali tal-2019 (SWD (2019) 1056 final).

²⁴ Madankollu, l-Istati Membri jridu jiżguraw li r-regolamentazzjoni tal-aċċess għall-professjonijiet tkun proporzjonata u ma tiddiskriminax abbażi tan-nazzjonalità jew raġunijiet oħra. Jeħtieġ ukoll valutazzjoni tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' kwalunkwe miżura ġdida jew l-emendar ta' miżuri eżistenti dwar ir-regolamentazzjoni professjonali f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/958.

impjegaturi **fil-ħiliet u l-kwalifiki miksuba f'pajjiżi terzi** meħtieġa għar-reklutaġġ fi professjonijiet mhux regolati huwa ostaklu sinifikanti ieħor għall-mobilità tal-ħiliet u t-talenti²⁵.

Ir-riżultat mhux biss jaffettwa l-attrazzjoni tal-UE iżda jwassal għal “**ħela ta' mħuħ**” – ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaħdmu taħt il-livell ta' kwalifika tagħhom. Skont l-Eurostat, fl-2022 aktar minn kwart ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom kwalifiki għoljin iżda 39,4 % huma kkwalifikati żżejjed²⁶ għax-xogħol li jagħmlu, u n-nisa huma aktar probabbli li jkunu kkwalifikati żżejjed mill-irġiel. L-ċifra ekwivalenti għaċ-ċittadini tal-UE li jaħdmu fi Stat Membru ieħor hija ta' 31,8 % u għal dawk li jgħixu f'pajjiżhom stess 21,1 % biss²⁷. L-iffaċilitar tar-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet jista' għalhekk jgħin ukoll biex jiġi sfruttat il-potenzjal mhux sfruttat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li diġà jinsabu fl-UE.

Il-ħolqien ta' **ambjent akkoljenti** għal ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment u l-ġhoti ta' appoġġ effettiv għall-integrazzjoni, inkluż lill-familji tal-ħaddiema, huwa wkoll ċentrali għall-attrazzjoni tal-UE u għas-suċċess ġenerali tal-politiki dwar il-migrazzjoni legali. Għad fadal sfidi f'dan il-qasam. L-ċittadini ta' pajjiżi terzi jesperjenzaw aktar diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, u l-evidenza tissuġġerixxi li dan jaffettwa b'mod sproporzjonat lil dawk b'livell għoli ta' edukazzjoni²⁸, raġuni waħda għaliex ir-rata ta' impjieg għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi hija aktar baxxa minn dik għaċ-ċittadini tal-UE²⁹. Il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda³⁰ kontra r-razziżmu u l-pjan ta' azzjoni dwar l-integrazzjoni u l-inklużjoni għall-2021-2027³¹ it-tnejn ifittxu li jindirizzaw din il-problema. Reklutaġġ ġust u trasparenti jiżgura li l-kandidati kollha jkollhom opportunità uguali u imparzjali biex jikkompetu għall-impjieg iirrispettivament mill-ġeneru, l-orijini razzjali jew etnika, l-età, ir-reliġjon jew it-twelmin tagħhom³².

Il-ħidma mas-**sħab soċjali** hija essenzjali wkoll għal migrazzjoni legali ġestita tajjeb. Id-djalogu soċjali jista' jgħin biex tinkiseb viżjoni komuni ta' kif il-migrazzjoni legali jeħtieġ tidħol fi strateġiji usa' tas-suq tax-xogħol. Il-fehmiet tas-sħab soċjali jeħtieġ li jitqiesu mill-Istati Membri biex jiżguraw li, fejn iqisu li t-testijiet tas-suq tax-xogħol huma meħtieġa, dawn it-testijiet ikunu jistgħu jitlestew malajr u jinvolvu piż amministrattiv limitat għall-impjegaturi, b'mod partikolari l-SMEs u għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li tkun disponibbli informazzjoni ċara u aċċessibbli dwar il-funzjonament tagħhom. Kemm min iħaddem kif ukoll it-trejdjunjins għandhom rwol fl-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u fil-Partenarjat Ewropew fl-istrutturi għall-Integrazzjoni fil-livell tal-kooperazzjoni tal-UE f'dan il-qasam³³.

²⁵ Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt li takkompanja l-proposta dwar ir-Riżerva ta' Talenti tal-UE (SWD(2023) 717 final).

²⁶ Jiġifieri jaħdmu f'impjieg b'ħiliet baxxi jew medji minkejja li għandhom livell għoli ta' edukazzjoni.

²⁷ Data estratta f'Lulju 2023 (Eurostat).

²⁸ Ir-rapport tal-2023 dwar l-Impjieg u l-Iżviluppi Soċjali fl-Ewropa.

²⁹ Fl-2022, 61,9 % ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi kienu impjegati, filwaqt li għaċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-UE kien ta' 77,1 % u 75,4 % għaċ-ċittadini (Eurostat).

³⁰ COM(2020) 565 final.

³¹ COM(2020) 758 final.

³² Id-Direttiva 2006/54/KE dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament uguali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjieg u xogħol, id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE li timplimenta l-prinċipju tat-trattament uguali bejn il-persuni iirrispettivament mill-orijini tar-razza jew l-etniċità, u d-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol.

³³ https://home-affairs.ec.europa.eu/policies/migration-and-asylum/legal-migration-and-integration/cooperation-economic-and-social-partners/european-partnership-integration_en

Il-ħtieġa għal approċċ immirat b'informazzjoni dwar il-ħiliet bħala punt tat-tluq

Il-mobilità b'suċċess tat-talenti teħtieġ miżuri biex jiġu rekrutati ċittadini ta' pajjiżi terzi f'setturi fejn hemm l-akbar ħtieġa għax-xogħol tagħhom, u ekonomiji ta' skala permezz ta' kooperazzjoni mtejba dwar il-migrazzjoni legali bejn il-livelli tal-UE u tal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni tqis li l-miżuri tal-mobilità tat-talenti fil-livell tal-UE jeħtieġ ikunu **strateġiċi** u mmirati lejn l-okkupazzjonijiet affettwati mit-**tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali**, kif ukoll **il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul**, minħabba l-ħtiġijiet akuti madwar l-UE kollha u l-iżviluppi probabbli tas-suq tax-xogħol f'dawn l-oqsma.

Madankollu, il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol jistgħu jevolvu malajr, u jvarjaw ukoll bejn l-Istati Membri. Jenħtieġ li l-UE tkun tista' tiżgura li l-inizjattivi tagħha dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema jirriflettu l-aħħar ħtiġijiet tal-ekonomija u tal-impjegaturi tagħha. Informazzjoni aċċessibbli u aġġornata **dwar il-ħiliet hija kruċjali** biex jitfasslu strateġiji flessibbli biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' ħaddiema, jiġi megħjun it-tlaqqiġ tal-ħaddiema, u jiġi ggwidat l-iżvilupp tal-ħiliet.

Filwaqt li tibni fuq inizjattivi li għaddejjin biex jiġu żviluppati approċċi aktar sofistikati għall-informazzjoni dwar il-hiliet³⁴, il-Kummissjoni qed taħdem lejn **approċċ aktar sistemiku għat-twassil u l-użu tal-informazzjoni dwar il-ħiliet**. Il-Pjattaforma tal-Migrazzjoni tal-Ħaddiema, immedja f'Jannar 2023, tipprovdi forum siewi għal diskussjoni dwar kif għandha tiġi żviluppata politika mmirata dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema, li tirrifletti nuqqasijiet strateġiċi bbażati fuq l-informazzjoni dwar il-ħiliet. Dan ilaqqja flimkien rappreżentanti tal-awtoritajiet tal-impjieg u tal-migrazzjoni tal-Istati Membri mas-sħab soċjali u ppermetta skambji fil-kuntest tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet dwar dawn il-kwistjonijiet³⁵.

Azzjoni: Il-Kummissjoni **se tkompli tippromwovi approċċ aktar strateġiku għall-informazzjoni dwar il-ħiliet**, abbażi tal-aħħar *data* tas-suq tax-xogħol, bl-involviment tal-Istati Membri u tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjieg.

3. L-IFFAĊILITAR TAR-REKLUTAĠĠ MINN BARRA L-UE – IR-RIŻERVA TA' TALENTI TAL-UE

Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi miżuri biex jiġu indirizzati l-ostakli ewlenin identifikati fit-taqsima preċedenti billi tiffaċilita r-reklutaġġ internazzjonali, tappoġġa r-rikonossiment tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet, u ssaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi f'dawn l-oqsma. Pedament ta' dan l-approċċ huwa l-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi stabbilita Riżerva ta' Talent tal-UE, li twettaq l-impenji magħmula mill-Kummissjoni fil-pakkett dwar il-Ħiliet u t-Talenti u l-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

³⁴ Pereżempju, l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa tal-2020 tinkludi azzjoni dwar il-ġenerazzjoni ta' informazzjoni aktar aġġornata, granulari u preċiża dwar il-ħiliet. Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali, l-Eurostat, l-ELA u l-EUROFOUND huma involuti f'varjetà ta' inizjattivi biex jirfinaw l-informazzjoni dwar il-ħiliet, inkluż billi jużaw il-big *data*. L-antiċipazzjoni tal-ħiliet fil-livell settorjali titwettaq skont il-pjan ta' azzjoni għall-kooperazzjoni settorjali dwar il-ħiliet, li timmira lejn setturi prijoritarji. F'Ġunju 2023, tnediet għodda ta' informazzjoni dwar il-ħiliet fuq l-Europass, li tipprovdi informazzjoni dwar in-nuqqas ta' okkupazzjonijiet għal kull pajjiż. Fil-livell tal-Istati Membri, is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjieg qed isiru dejjem aktar attivi fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet futuri tal-ħiliet, b'ħafna minnhom jiżviluppaw ukoll strateġiji komprensivi biex jindirizzaw il-ħtiġijiet futuri tal-ħiliet.

³⁵ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/IP_23_103

Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE għandha l-għan li tagħti spinta lill-attraenza ġenerali tal-UE billi tistabbilixxi l-ewwel **pjattaforma għall-UE kollha** miftuħa għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi madwar id-dinja li jixtiequ jaħdmu legalment fl-Ewropa u l-impjegaturi li ma jistgħux isibu t-talent li jeħtieġu fis-suq tax-xogħol tal-UE. Din se tipprovdi aċċess għal riżerva usa' ta' talent għall-impjegaturi tal-UE u se tagħmel ir-reklutaġġ aktar rapidu u aktar faċli. Se tipprovdi informazzjoni kemm għal dawk li qed ifittxu impjieg kif ukoll għal impjegaturi dwar il-proċeduri ta' reklutaġġ u immigrazzjoni kif ukoll dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki fl-Istati Membri parteċipanti tal-UE. Biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni, se tinkludi wkoll informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol fl-Istati Membri parteċipanti u d-drittijiet u l-obbligi taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. In-network tad-Delegazzjonijiet tal-UE madwar id-dinja se jappoġġa l-għoti ta' informazzjoni u jservi bħala trażmissjoni għal persuni minn pajjiżi terzi li qed ifittxu impjieg li qed ifittxu informazzjoni dwar perkorsi ta' migrazzjoni legali u l-pjattaforma tar-Riżerva ta' Talent tal-UE.

Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE se timmira lejn **okkupazzjonijiet speċifiċi fil-livelli kollha tal-ħiliet, abbażi tal-aktar okkupazzjonijiet komuni nieqsa mill-ħaddiema** fl-Unjoni, u fuq okkupazzjonijiet b'kontribut dirett għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, aġġornati kif meħtieġ biex jirrispondu għaċ-ċirkostanzi tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu. Illum, il-Kummissjoni identifikat 42 okkupazzjoni nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha³⁶, annessi mar-Regolament propost dwar ir-Riżerva ta' Talent. Sabiex ikun hemm rispons rapidu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu, il-Kummissjoni se tkun tista' temenda l-lista permezz ta' att delegat. Barra minn hekk, l-Istati Membri se jkunu jistgħu jinnotifikaw iż-żieda jew it-tneħħija ta' okkupazzjonijiet speċifiċi b'nuqqas ta' ħaddiema li għalihom se jissottomettu postijiet tax-xogħol battala.

Il-parteċipazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE se tkun **volontarja** għall-Istati Membri, li se jappoġġjaw il-ġestjoni tas-sistema tar-Riżerva ta' Talent permezz tal-awtoritajiet rilevanti. L-awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri parteċipanti jkunu involuti mill-qrib fl-implimentazzjoni tal-għodda, u l-impjegaturi stabbiliti f'dawn l-Istati Membri biss ikunu jistgħu jirreġistraw il-postijiet battala tagħhom fuq il-portal u jfittxu kandidati hemmhekk. Il-proposta tirrifletti bis-sħiħ ir-responsabbiltà unika tal-Istati Membri biex jiddeterminaw il-volumi ta' ammissjonijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u se tikkomplementa aktar milli tissostitwixxi l-għodod eżistenti għall-attrazzjoni tat-talent fil-livell nazzjonali.

Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE se tkun pjattaforma ġdida tal-IT iffukata fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi li għadhom mhumieq fl-UE, bit-tfassil tagħha jibni fuq l-esperjenza ta' suċċess fit-tul tal-Kummissjoni bil-pjattaforma tal-**EURES**³⁷. Ir-Riżerva ta' Talent tal-UE ser tinkludi salvagwardji integrati biex jiġu evitati Prattiki ta' sfruttament mill-impjegaturi, filwaqt li tfakkar li ladarba jiġu rreklutati ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jiġu rreklutati mir-Riżerva ta' Talent tal-UE ser igawdu l-istess drittijiet u obbligi bħall-ħaddiema domestiċi. Se tappoġġa wkoll l-interoperabbiltà mal-pjattaformi nazzjonali ta' reklutaġġ.

³⁶ Il-lista hija bbażata fuq tliet sorsi ewlenin: (i) L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) bl-użu ta' *data* tal-PES dwar in-nuqqas ta' ħaddiema fl-okkupazzjonijiet kollha; (ii) in-nuqqas ta' ħaddiema rilevanti fid-dawl ta' emissjonijiet zero netti u d-diġitalizzazzjoni identifikati abbażi tal-kontribut dirett tas-settur għall-implimentazzjoni tal-miri tal-UE dwar il-klima u d-diġitalizzazzjoni; (iii) l-impjieg li mhumieq fi skarsezza mifruxa fis-snin preċedenti iżda x'aktarx li jiżiedu fl-importanza għat-tranżizzjoni fil-futur minħabba dan.

³⁷ [L-EURES](#) għandu l-għan li jiffaċilita l-moviment liberu tal-ħaddiema fl-UE u jopera bħala network Ewropew ta' kooperazzjoni tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjieg, b'portal li jista' jiġi mfittex biex jiffaċilita t-tqabbil ta' dawk li qed ifittxu impjieg u l-impjegaturi.

Ir-Riżerva ta' Talent se tgħin fl-implimentazzjoni tad-dimensjoni esterna tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, billi tikkontribwixxi kemm għas-Sħubijiet ta' Talent kif ukoll tiżviluppa perkorsi komplementari effettivi lejn l-UE. Ir-reġistrazzjoni fir-Riżerva ta' Talent tal-UE se tkun miftuħa għal persuni spostati f'pajjiżi terzi li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u b'hekk tappoġġa l-isforzi biex jiġu stabbiliti perkorsi komplementari għal dawk li jikkwalifikaw.

Billi tiffaċilita l-aċċess għal perkorsi legali eżistenti, ir-Riżerva ta' Talent tal-UE se sservi wkoll bħala diżinċentiv għall-migrazzjoni irregolari. Dan se jissaħħaħ mill-fatt li ħadd soġġett għal projbizzjoni fuq id-dħul, b'mod partikolari wara deċiżjoni ta' ritorn skont id-Direttiva dwar ir-Ritorn³⁸, mhu se jkun eliġibbli biex jirreġistra mar-Riżerva ta' Talent.

Azzjoni: Ir-Regolament dwar l-istabbiliment ta' Riżerva ta' Talent tal-UE:

- Il-Kummissjoni tipproponi **Regolament dwar l-istabbiliment ta' Riżerva ta' Talent tal-UE**³⁹, biex tiffaċilita r-reklutaġġ internazzjonali strateġiku ta' persuni minn pajjiżi terzi li qed ifittxu impjieg f'okkupazzjonijiet b'nuqqas ta' ħaddiema li huma ta' rilevanza għall-UE;
- Il-Kummissjoni se tikkoopera mal-Istati Membri biex tiżgura li r-Riżerva ta' Talent tal-UE titfassal mill-bidu nett biex tindirizza b'mod xieraq il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol nazzjonali u tikkomplementa l-inizjattivi nazzjonali eżistenti, inkluż permezz tal-interoperabbiltà mal-pjattaformi nazzjonali ta' reklutaġġ eżistenti.

4. IL-KISBA TA' RIKONOXXIMENT AKTAR FAĊLI U SPEDIT TAL-KWALIFIKI PROFESSJONALI U L-VALIDAZZJONI TAL-HILJET MIKSUBA F'PAJJIŻI TERZI

Il-Kummissjoni qed tipproponi sett ta' miżuri li jippromwovu **approċċi komuni u kooperazzjoni bejn l-Istati Membri dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-hiljet**, li jagħmluha aktar faċli li tinstab informazzjoni dwar ir-regoli u l-proċeduri rilevanti, u li jgħinu lill-Istati Membri u lill-impjegaturi jaċċessaw informazzjoni affidabbli dwar il-kwalifiki u l-oqfsa tal-hiljet neqsin fl-UE. Proċeduri aktar sempliċi u aħjar f'dan il-qasam se jgħinu lill-impjegaturi biex ikunu jafu xi tfisser fil-prattika kwalifika miksuba barra mill-UE, filwaqt li jiżguraw li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu jistgħu jwettqu l-impjiegi li jiġu reklutati għalihom u jkollhom kwalifiki komparabbli mal-kontropartijiet tagħhom fl-UE.

Ir-realtà tas-suq tax-xogħol titlob ukoll użu usa' ta' approċċ "il-hiljet l-ewwel". Dan diġà jintuża minn ħafna negozji meta jirreklutaw, filwaqt li jirrikonoxxu l-valur mhux biss tal-kwalifiki formali iżda wkoll ta' hiljet u esperjenzi oħra dimostrabbli meħtieġa biex jiġu identifikati l-kandidati t-tajbin għall-postijiet battala, b'eżiti ta' suċċess s'issa.

Ħidma fuq approċċ komuni tal-UE għar-rikonoxximent tal-kwalifiki ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi

Illum il-Kummissjoni qed tadotta Rakkomandazzjoni dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki ta' ċittadini kollha ta' pajjiżi terzi residenti legalment⁴⁰, li tistabbilixxi gwida

³⁸ Id-Direttiva 2008/115/KE dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.

³⁹ COM(2023) 716 final.

⁴⁰ Ir-Rakkomandazzjoni tapplika lill-persuni ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu fil-proċess li jiksbu viża jew permess tax-xogħol u tar-residenza fi Stat Membru jew ikunu diġà legalment residenti fl-Unjoni.

biex jitlejbu l-proċeduri u tgħin lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-kwalifiki u l-ħiliet miksuba barra mill-UE aktar malajr u b'mod aktar effiċjenti. Ir-rakkomandazzjoni hija favur aktar flessibbiltà u tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi, sabiex ikunu jistgħu jaċċessaw opportunitajiet ta' impjieġ jew edukazzjoni għolja fl-UE aktar malajr u b'mod aktar effettiv. Hija relatata ma' każijiet ta' rikonoxximent għall-aċċess għal professjonijiet regolati, bħala parti mill-proċeduri ta' migrazzjoni legali, u għal aktar tagħlim. Hija tenfasizza li l-proċeduri ta' rikonoxximent formali jeħtieġ li jkunu meħtieġa biss fejn id-drittijiet jingħataw lil detentur ta' kwalifika f'dawn it-tliet kuntesti. Ir-rikonoxximent tal-kwalifiki ma għandux ikun meħtieġ għall-finijiet ta' reklutaġġ fi professjonijiet mhux regolati. F'dawn il-każijiet, l-għodod ta' trasparenza u l-informazzjoni jistgħu jappoġġaw il-fehim u t-tqabbil tal-kwalifiki u l-ħiliet.

Fir-rigward tal-aċċess għall-professjonijiet regolati, ir-rakkomandazzjoni tiegħu ispirazzjoni mid-Direttiva 2005/36/KE, li tistabbilixxi s-sistema ta' rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali fl-UE⁴¹. Ir-rakkomandazzjoni hija bbażata wkoll fuq l-esperjenza bl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ta' April 2022 dwar l-iffaċilitar tar-rikonoxximent tal-kwalifiki għan-nies li qed jaħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna⁴². Valutazzjoni tas-segwitu għal din ir-Rakkomandazzjoni⁴³ wriet firxa ta' prattiki promettenti li infurmaw ir-Rakkomandazzjoni l-għdida, inkluż l-enfażi fuq il-benefiċċji tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-pajjiżi sħab biex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent tal-kwalifiki.

Ir-Rakkomandazzjoni ser tkun komplement siewi għar-Riżerva ta' Talent tal-UE u għandha tgħin lill-Istati Membri **jtejbu l-proċeduri ta' rikonoxximent bħala parti mill-isforzi tagħhom biex jattiraw ħaddiema tas-sengħa minn barra l-pajjiż.** Hija thegġegħ lill-Istati Membri jużaw *data* ta' informazzjoni dwar il-ħiliet biex jidentifikaw "professjonijiet regolati ta' prijorità" li għalihom jeħtieġu jitħaffu aktar il-proċeduri ta' rikonoxximent għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, kif ukoll għaċ-ċittadini mobbli tal-UE. Ladarba r-Riżerva ta' Talent tal-UE tkun operazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jqisu l-lista ta' okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema fl-UE kollha żviluppata għar-Riżerva ta' Talent meta jidentifikaw professjonijiet regolati ta' prijorità.

Il-proċeduri ta' reklutaġġ f'firxa wiesgħa ta' setturi jistgħu jitlejbu permezz tal-gwida tar-rakkomandazzjoni, iżda l-applikazzjoni tagħha se tvarja skont kif jiġi rregolat l-impjieġ f'kull professjoni. Pereżempju, peress li l-professjonijiet diġitali b'mod ġenerali mhumieħ regolati, ir-rakkomandazzjoni tirrakkomanda approċċ tal-ħiliet l-ewwel għar-reklutaġġ għal karigi bħal dawn. Dawn il-professjonijiet jistgħu wkoll jibbażaw fuq id-Direttiva riveduta dwar il-Karta Blu, li introduċiet ekwivalenza fir-rigward tal-ħiliet attestati mill-esperjenza professjonali u kwalifiki komparabbli tal-edukazzjoni għolja f'xi impjieġi tal-ICT⁴⁴. Għal dawn l-impjieġi, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jimponux proċedura ta' rikonoxximent formali bħala prekundizzjoni għall-ammissjoni.

⁴¹ Il-qafas offrut mid-Direttiva 2005/36/KE jistabbilixxi prinċipji, proċeduri u kriterji komuni għar-rikonoxximent, il-promozzjoni tat-trasparenza, il-ġustizzja, u l-konsistenza fil-proċess ta' rikonoxximent. Kif innutat hawn fuq, din tistabbilixxi wkoll standards minimi ta' taħriġ għal ċerti professjonijiet.

⁴² Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/554 dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki għan-nies li qed jaħarbu mill-invażjoni tar-Russja tal-Ukrajna.

⁴³ https://single-market-economy.ec.europa.eu/publications/assessment-commission-recommendation-eu-2022554-5-april-2022-recognition-qualifications-people_mt

⁴⁴ Ara l-Artikolu 2(9)(a) u l-Anness I tad-Direttiva (UE) 2021/1883.

Azzjoni: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi⁴⁵.

Din ir-Rakkomandazzjoni twassal għal proċeduri aktar sempliċi u aktar rapidi, filwaqt li tiżgura li l-informazzjoni sottomessa tkun tista' tiġi vverifikata u l-proċessi jkunu jistgħu jiġu fdati. Iż-żamma ta' standards professjonali ma għandhiex tirriżulta f'rekwiżiti li jiskoraġġixxu lill-applikanti jew inaqqsu r-ritmu tal-proċeduri ta' reklutaġġ.

Il-Kummissjoni se tappoġġa l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni billi:

- torganizza laqgħat dedikati mal-Istati Membri, b'mod partikolari fil-grupp ta' koordinaturi għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, kif ukoll ma' partijiet ikkonċernati oħra;
- tistieden lill-Istati Membri jirrapportaw fuq inizjattivi, riformi u statistika nazzjonali dwar deċiżjonijiet ta' rikonoxximent marbuta ma' kwalifiki ta' pajjiżi terzi;
- tipprovdi aċċess għall-informazzjoni online biex tgħin lill-persuni nazzjonali ta' pajjiżi terzi jifhmu r-rekwiżiti għar-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kwalifiki fl-Unjoni;
- timmassimizza s-sinerġiji bejn ir-Rakkomandazzjoni u azzjonijiet oħra stabbiliti fil-Komunikazzjoni.

It-tisħiħ tal-informazzjoni dwar il-proċeduri ta' rikonoxximent, u l-komparabbiltà tal-kwalifiki

Is-sejba ta' **informazzjoni dwar il-kwalifiki u l-ħiliet miksuba f'pajjiżi terzi u l-proċeduri applikabbli ta' rikonoxximent u validazzjoni fl-Istati Membri** hija element ewlieni kemm għall-impjegaturi kif ukoll għall-kandidati mhux tal-UE⁴⁶. Ir-responsabbiltà għall-proċeduri ta' rikonoxximent u validazzjoni hija ta' spiss kondiviża fost diversi korpi amministrattivi fi ħdan l-Istati Membri, inklużi l-livelli ċentrali u reġjonali. Bħalissa, ċittadini ta' pajjiżi terzi u ħaddiema mobbli tal-UE jistgħu jsibuha diffiċli biex jiddeterminaw jekk il-professjoni li jixtiequ jaħdmu fiha hijiex regolata jew le fi Stat Membru partikolari. In-nuqqas ta' informazzjoni multilingwi dwar ir-rikonoxximent jista' jkun ostaklu ukoll: l-isforzi biex dan jiġi indirizzat għall-persuni spostati mill-Ukrajna kienu appoġġ għal dawk li qed ifittxu x-xogħol⁴⁷.

Għalkemm bħalissa ma hemm l-ebda punt ċentrali ta' informazzjoni fil-livell tal-UE dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki minn pajjiżi terzi, **in-networks ENIC-NARIC**⁴⁸ żviluppaw diversi għodod li jiffaċilitaw l-aċċess għall-informazzjoni dwar proċeduri ta' rikonoxximent u

⁴⁵ C(2023) 7700 final.

⁴⁶ Fl-istudju tagħha tal-2017 dwar "Biex l-Integrazzjoni Taħdem: Valutazzjoni u Rikonoxximent ta' Kwalifiki Barranin", l-OECD enfażizzat l-iffaċilitar tal-informazzjoni dwar il-proċeduri ta' rikonoxximent bħala kwistjoni ewlenija li għandha tiġi indirizzata biex jittejjbu s-sistemi ta' rikonoxximent. F'rapport komprensiv tal-2013 dwar "Ir-Rikonoxximent tal-Kwalifiki u l-Kompetenzi tal-Migranti" fl-Ewropa, l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni indikat nuqqasijiet fl-aċċess tal-migranti għall-informazzjoni f'diversi Stati Membri tal-UE. Il-kontroll tal-idoneità tal-migrazzjoni legali tal-Kummissjoni tal-2019 irrakkomanda wkoll aċċess imtejjeb għall-informazzjoni għal ċittadini ta' pajjiżi terzi dwar il-proċeduri ta' rikonoxximent u l-eżiti tagħhom (SWD(2019) 1056 final).

⁴⁷ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/554 tal-5 ta' April.

⁴⁸ In-network ENIC (Network Ewropew ta' Ċentri ta' Informazzjoni) u n-network NARIC (Ċentri Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar ir-Rikonoxximent Akkademiku) jikkooperaw mill-qrib. L-ENICs huma awtoritajiet ta' rikonoxximent tal-istati partijiet tal-Konvenzjoni ta' Lisbona dwar ir-Rikonoxximent, fejn is-segretarjat huwa pprovdut mill-Kunsill tal-Ewropa u l-UNESCO u n-NARICs huma awtoritajiet ta' rikonoxximent tal-pajjiżi tal-Programm Erasmus+. In-NARICs kollha huma wkoll ENICs (ħlief l-awtorità Griega ta' rikonoxximent). Iż-żewġ networks għandhom Programm konġunt ta' Ħidma, Karta u Bord.

sistemi ta' edukazzjoni għolja li jistgħu jiġu żviluppatti aktar. In-NARICs jistgħu joħorġu deċiżjonijiet għar-rikonoxximent akkademiku u dikjarazzjonijiet ta' komparabbiltà, b'enfażi fuq il-kwalifiki tal-edukazzjoni għolja. Xi NARICs jaġixxu bħala punt ta' dħul uniku għall-valutazzjoni jew ir-rikonoxximent tal-kwalifiki, li jistgħu jiffaċilitaw l-aċċess ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-proċeduri. F'għaxar Stati Membri⁴⁹, in-NARICs għenu biex jiġu stabbiliti bażijiet tad-*data* li jipprovdu informazzjoni pubblika dwar deċiżjonijiet ta' rikonoxximent nazzjonali, f'xi każijiet b'finanzjament mill-UE.

Il-Kummissjoni se tħeġġeġ u tappoġġa lill-Istati Membri biex jiżviluppaw bażijiet tad-*data* dwar il-komparabbiltà tal-kwalifiki minn pajjiżi terzi u biex tiżgura l-interoperabbiltà ta' dawn il-bażijiet tad-*data*, filwaqt li tagħmel il-finanzjament disponibbli mill-Erasmus+ fl-2024. Għall-kwalifiki rilevanti, li primarjament ikunu akkademiċi, il-bażijiet tad-*data* jeħtieġ li jkunu jistgħu jiġġeneraw dikjarazzjoni ta' komparabbiltà mingħajr ħlas, u fejn possibbli jindikaw proċeduri għar-rikonoxximent tal-kwalifika. Sabiex ikunu jistgħu jsiru paraguni diretti bbażati fuq l-użu ta' termini u definizzjonijiet simili, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw li dawn il-bażijiet tad-*data* ikunu bbażati fuq l-istandards tal-Mudell Ewropew tat-Tagħlim⁵⁰. Il-Kummissjoni se taħdem man-network NARIC biex tiżgura approċċ ikkoordinat f'termini tal-pajjiżi terzi u l-kwalifiki li għandhom jiġu koperti, filwaqt li tagħti prijorità lill-pajjiżi tas-Sħubija tat-Talent. Il-bażijiet tad-*data* jistgħu jindikaw ukoll liema taħriġ addizzjonali (bħall-mikrokredenzjali) jista' jkun meħtieġ biex jimtlew il-lakuni bejn kwalifika ta' pajjiż terz u kwalifiki komparabbli fl-Istati Membri. Il-bażijiet tad-*data* multilingwi jkomplu jiffaċilitaw l-aċċess għall-informazzjoni.

Fit-tieni fażi, il-Kummissjoni se tesplora wkoll il-fattibbiltà tal-iżvilupp ta' **għodda fil-livell tal-UE li torbot il-bażijiet tad-*data* nazzjonali dwar ir-rikonoxximent** li jkunu kapaċi jiżviluppaw dikjarazzjonijiet ta' komparabbiltà għal kwalifiki speċifiċi ta' pajjiżi terzi li jkopru l-Istati Membri kollha, abbażi ta' mudell armonizzat u disponibbli f'format diġitali. Dan jista' jkopri kemm il-kwalifiki tal-UE kif ukoll daww ta' pajjiżi terzi, biex jiġu ffaċilitati l-mobilità intra-UE kif ukoll il-migrazzjoni legali. L-għodda tkun ibbażata fuq bażijiet tad-*data* nazzjonali eżistenti u tkun interoperabbli ma' network ta' bażijiet tad-*data* nazzjonali tal-kwalifiki ta' pajjiżi shab⁵¹ li magħhom tikkoopera l-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ (European Training Foundation, ETF). Din l-għodda tista' tippermetti wkoll lill-impjegaturi jidentifikaw kwalifiki ta' pajjiżi terzi komparabbli ma' kwalifika nazzjonali li jkunu qed ifittxu, li tista' tgħin biex jiġu mmirati l-proċeduri ta' reklutaġġ. U tagħti lill-kandidati indikazzjoni ta' kif il-kwalifiki tagħhom jiġu kkunsidrati fi proċedura ta' rikonoxximent.

L-enfażi attwali tan-networks ENIC-NARIC hija fuq l-edukazzjoni għolja. Minħabba l-ħtieġa għal ħiliet tekniċi fis-suq tax-xogħol tal-UE u l-fatt li bħalissa ma hemm l-ebda struttura ta' kooperazzjoni fil-livell tal-UE dwar **ir-rikonoxximent tal-kwalifiki tal-VET**, l-estensjoni tal-fokus tan-networks għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (Vocational Education and Training, VET) jista' jkollha benefiċċji sinifikanti. L-Istati Membri jistgħu jesploraw jekk – bl-appoġġ tal-Kummissjoni – ir-rwol taċ-ċentri NARIC jistax ikopri l-VET. Dan jista' jwitti

⁴⁹ Il-Bulgarija, Ċipru, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Polonja, l-Iżvezja.

⁵⁰ Il-Mudell Ewropew tat-Tagħlim huwa mudell tad-*data* multilingwi għat-tagħlim li jista' jintuża biex jiddeskrivi d-*data* kollha relatata mat-tagħlim, inkluż it-tagħlim formali, mhux formali u informali. Il-mudell jappoġġa l-iskambju tad-*data* dwar il-ħiliet, il-kwalifiki, l-akkreditazzjoni u l-opportunitajiet ta' tagħlim, kif ukoll l-interoperabbiltà u l-iskambju tal-kredenzjali.

⁵¹ Bħalissa fl-istadju ta' prova tal-kunċett.

t-triq għal dikjarazzjonijiet ta' komparabbiltà rigward il-kwalifiki tal-VET tal-UE u ta' pajjiżi terzi, kif ukoll għall-kwalifiki akkademiċi.

Għodda rilevanti oħra biex nibnu fuqha hija l-**Bażi tad-Data tal-Professjonijiet Regolati** tal-Kummissjoni⁵². Għal kull Stat Membru, din tinkludi informazzjoni dwar jekk professjonijiet speċifiċi humiex regolati f'kull Stat Membru, flimkien mal-awtorità responsabbli għar-rikonoxximent. Filwaqt li l-bażi tad-data bħalissa hija mmirata lejn ċittadini mobbli tal-UE, l-informazzjoni li fiha dwar liema professjonijiet speċifiċi huma rregolati f'kull Stat Membru hija wkoll ta' rilevanza għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri biex tiżgura li l-bażi tad-data jkun fiha informazzjoni preċiża dwar l-awtoritajiet responsabbli għar-rikonoxximent tal-kwalifiki ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, minbarra dawk miksuba miċ-ċittadini tal-UE.

Il-pjattaforma għar-Riżerva ta' Talent tal-UE se tippromwovi l-viżibbiltà tar-riżorsi ta' informazzjoni relatati mal-proċeduri ta' rikonoxximent u validazzjoni fl-Istati Membri parteċipanti biex tiżgura li l-kandidati japplikaw bl-aħjar għarfien possibbli minn qabel dwar il-prospetti għar-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-ħiliet tagħhom.

Azzjoni: It-titjib tat-trasparenza tal-proċessi ta' rikonoxximent u l-aċċess għalihom

Il-Kummissjoni ser:

- thegħgeġ u tappoġġa aktar Stati Membri biex jiżviluppaw bażijiet tad-data semantikament interoperabbli dwar il-proċessi u d-deċiżjonijiet ta' rikonoxximent, kapaċi jiġġeneraw id-dikjarazzjonijiet ta' komparabbiltà;
- tesplora l-fattibbiltà li jiġu stabbiliti aktar ċentri tar-riżorsi online b'informazzjoni dwar il-ħiliet u l-kwalifiki, abbażi taċ-ċentru tar-riżorsi ffukat fuq l-Ukrajna (ara hawn taħt);
- tivvaluta l-fattibbiltà tal-iżvilupp ta' għodda fil-livell tal-UE li tkun kapaċi tiġġenera dikjarazzjonijiet tal-komparabbiltà abbażi ta' mudell armonizzat għal kwalifiki speċifiċi tal-pajjiżi terzi li jkopru l-Istati Membri kollha;
- tkompli tappoġġa n-networks ENIC-NARIC u thegħgeġ lill-Istati Membri jikkunsidraw li jestendu l-kompetenzi tan-NARIC ħalli jkopru l-kwalifiki tal-VET;
- tinkludi informazzjoni fil-Bażi tad-Data tal-Professjonijiet Regolati dwar l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri responsabbli għar-rikonoxximent tal-kwalifiki miksuba minn ċittadini ta' pajjiżi terzi li jagħtuhom aċċess għal professjonijiet regolati.

Il-bini tal-fiduċja fi kwalifiki u f'ħiliet miksubin f'pajjiżi terzi

L-inċertezza dwar il-valur tal-ħiliet, l-esperjenza tax-xogħol u l-kwalifiki miksuba f'pajjiżi terzi u l-funzjonament tas-sistemi ta' taħriġ u edukazzjoni ta' pajjiżi terzi hija waħda mill-ostakli ewlenin li jiffaċċjaw kemm il-korpi ta' rikonoxximent tal-Istati Membri kif ukoll l-impjegaturi li jivvalutaw il-kwalifiki u l-ħiliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi⁵³. Għalhekk, il-mili ta' din il-lakuna fl-għarfien irid ikun wieħed mill-oġġettivi ewlenin tal-ħidma tal-Kummissjoni dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet.

Wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-UE użat diversi għodod biex tappoġġa l-valutazzjoni tal-ħiliet u l-kwalifiki tal-persuni spostati mill-Ukrajna. Il-Kummissjoni wettqet tqabbil tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki mal-qafas nazzjonali tal-

⁵² <https://ec.europa.eu/growth/tools-databases/regprof/home>

⁵³ Kontroll tal-idoneità tal-migrazzjoni legali tal-2019 (SWD (2019) 1056 final).

Ukrajna⁵⁴, u pprovdiet linji gwida dwar ir-rikonoxximent rapidu tal-kwalifiki akkademiċi Ukreni⁵⁵. Hija traduciet wkoll varjetà ta' għodod ewlenin fl-Ukren. U l-ETF ħolqot ċentru tar-riżorsi⁵⁶ għall-materjal dwar il-kwalifiki, il-ħiliet u l-istudji mill-Ukrajna – ikkonsultat madwar 21 000 darba bejn Marzu 2022 u Jannar 2023. Dawn l-għodod għenu lill-professjonisti tar-rikonoxximent u lill-impjegaturi fl-UE biex jifhmu aħjar il-profil tal-ħiliet u l-kwalifiki tal-persuni spostati mill-Ukrajna.

Din l-esperjenza siewja tista' tintuża biex jiġi adottat **approċċ aktar strateġiku għall-iżvilupp ta' gwida li tappoġġa l-evalwazzjoni tal-kredenzjali u r-rikonoxximent tal-kwalifiki** miksuba barra mill-UE. L-ETF għandha esperjenza sostanzjali fl-assistenza lil pajjiżi terzi biex jiżviluppaw oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki li jistgħu jitqabblu mal-Oqfsa Ewropej tal-Kwalifiki, b'mod partikolari fil-Viċinat u r-reġjun tat-Tkabbir tal-UE. Barra minn hekk, bħalissa qed tipprovdi assistenza sistemika lil 11-il pajjiż Afrikan dwar l-iżvilupp tal-oqfsa tal-kwalifiki tagħhom, bħala parti minn proġett implimentat mal-Unjoni Afrikana⁵⁷. In-networks ENIC-NARIC jipprovdu wkoll qafas siewi għall-kooperazzjoni bejn il-korpi ta' rikonoxximent tal-Istati Membri dwar l-analiżi ta' kwalifiki ta' pajjiżi terzi li jidhru ta' spiss.

Azzjoni: Jużaw l-għodod tal-UE biex jgħinu fil-fehim tal-valur tal-kwalifiki u tal-ħiliet miksuba f'pajjiżi terzi rilevanti biex jiġu ssodisfati n-nuqqasijiet fis-suq tax-xogħol tal-UE.

Skont il-ħtiġijiet identifikati, il-Kummissjoni se:

- taħdem mal-ETF, in-networks ENIC-NARIC, ir-Reġistru Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni Għolja, l-Istati Membri u pajjiżi terzi biex tipprovdi gwida dwar oqfsa magħżula ta' kwalifiki ta' pajjiżi terzi u l-valur ta' kwalifiki speċifiċi, billi tqabbel il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki mal-oqfsa nazzjonali (u reġjonali) tal-kwalifiki, u twettaq valutazzjonijiet immirati tal-prattika ta' pajjiżi terzi dwar l-akkreditazzjoni u l-assigurazzjoni tal-kwalità.
- tittraduċi għodod li jiffaċilitaw il-valutazzjonijiet tal-ħiliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi f'lingwi ta' pajjiżi terzi magħżula.

Viżjoni fit-tul għat-titjib tar-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet

Is-suċċess fil-massimizzazzjoni tal-potenzjal tal-UE li tattira talent minn barra l-pajjiż ma jistax jinfired mill-isforzi biex inżidu l-isforzi tagħna dwar **ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-ħiliet** internament. Il-pass tal-bidla teknika u soċjetali bħalissa jfisser li l-UE trid tikkunsidra kif l-approċċ ġenerali tagħha għar-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet jenħteġ li jevolvi, biex il-potenzjal tas-Suq Uniku jiġi massimizzat. Jenħteġ li l-UE tagħmel il-passi li jmiss fil-promozzjoni tal-mobilità tal-forza tax-xogħol u fit-tnaqqis tal-ostakli fis-Suq Uniku, b'mod li żżid il-mobilità tal-istudenti: is-sistemi u l-prattiki għar-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet iridu jkunu kapaċi jirrispondu għal bidliet fid-domanda għall-ħiliet.

Dan jagħti opportunità biex jinġieb l-istess approċċ għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u biex l-UE ssir post tax-xogħol aktar attraenti. L-użu mmirat tal-informazzjoni dwar il-ħiliet biex tiġi ppjanata u msaħħa l-kapaċità tas-servizzi ta' rikonoxximent, li jippermetti l-

⁵⁴ Il-Kummissjoni Ewropea, Rapport ta' tqabbil tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki u l-Qafas Nazzjonali tal-Kwalifiki tal-Ukrajna, Jannar 2023.

⁵⁵ Il-Kummissjoni Ewropea, Linji Gwida dwar ir-Rikonoxximent Fasttrack tal-Kwalifiki Akkademiċi Ukreni, Mejju 2022.

⁵⁶ <https://www.etf.europa.eu/en/education-and-work-information-ukrainians-and-eu-countries>

⁵⁷ <https://acqf.africa/>

iskambju ta' informazzjoni interoperabbli u affidabbli dwar il-kwalifiki u l-ħiliet, u li jiġi żgurat li l-informazzjoni disponibbli kemm għall-impjegaturi kif ukoll għall-impjegati tkun aċċessibbli u adattata għall-iskop tagħha, kollha jistgħu jintużaw biex jiffaċilitaw ir-reklutaġġ minn barra l-UE.

L-era tad-diplomi stampati waslet fi tmiemha. L-UE bdiet **timxi lejn l-użu mifrux mas-sistema kollha ta' kwalifiki u kredenzjali diġitali**⁵⁸. Fil-futur, jenħtieġ li kull student jirċievi l-kwalifiki, il-kredenzjali u l-intitolamenti tiegħu f'format diġitali sigur, li jgħorr informazzjoni multilingwi u li jista' jiġi vverifikat minnufih. Dan se jiffaċilita t-tqabbil ta' ħaddiema tas-sengħa mal-impjieg, kif ukoll il-proċessi ta' reklutaġġ u rikonossiment.

Azzjoni: Il-Kummissjoni se tesplora l-possibbiltà ta' **riforma usa' tas-sistema tal-UE dwar ir-rikonossiment tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet**, biex tiżgura li l-qafas legali, l-għodod u s-sistemi eżistenti, bħal dawk koperti mid-Direttiva 2005/36/KE, ikunu validi għall-futur, ambizzjużi u jikkontribwixxu għal Suq Uniku li jiffunzjona tajjeb. Dan se jinkludi riflessjoni dwar kif jista' jittejjeb aktar ir-rikonossiment tal-kwalifiki miksuba f'pajjiżi terzi u l-punt sa fejn l-armonizzazzjoni tista' tkun meħtieġa, abbażi tal-esperjenza fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni attwali tal-Kummissjoni.

5. SĦUBIJA DWAR IL-MOBILITÀ TAT-TALENTI U L-KISBA TAL-HILJET

Il-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema tista' tipproduċi benefiċċji sinifikanti għall-pajjiżi ta' oriġini, kif ukoll għall-pajjiżi riċeventi. Il-mobilità tat-talenti tista' tippromwovi ċ-ċirkolazzjoni tal-ħiliet u t-trasferiment tal-għarfien bejn l-UE u l-pajjiżi sħab. Il-fluss ta' rimessa mill-UE lejn pajjiżi b'introjtu baxx u medju huwa stmat għal madwar EUR 65 biljun, u dawn il-fondi jistgħu jipprovdu appoġġ vitali lil dawk l-aktar vulnerabbli fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw⁵⁹. Il-Kummissjoni hija impenjata li tnaqqas l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet u tiffaċilita t-trasferimenti ta' rimessa. L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (Sustainable Development Goals, SDGs) tan-NU jirrikonossu li l-migrazzjoni tgħin biex jinħolqu tkabbir u żvilupp inklużivi, u jappellaw għal politiki li "jiffaċilitaw il-migrazzjoni sikura, regolari u responsabbli u l-mobilità tan-nies"⁶⁰.

Il-kooperazzjoni dwar il-perkorsi legali hija prijorità tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil. Mill-adozzjoni tal-Patt, enfażi ewlenija tal-isforzi tal-Kummissjoni f'dan il-qasam kienet it-tnedija ta' Sħubijiet ta' Talent. Is-Sħubijiet ta' Talent joffru qafas għall-UE u għall-pajjiżi terzi ewlenin biex jaħdmu flimkien biex jagħtu spinta lill-mobilità internazzjonali ta' benefiċċju reċiproku (ara hawn taħt). Il-Kummissjoni qed tistinka wkoll biex tippromwovi perkorsi komplementari innovattivi marbuta mal-impjieg għal persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, bħala alternattiva kredibbli għall-migrazzjoni irregolari⁶¹. Tali kooperazzjoni dwar perkorsi legali hija marbuta ma' sħubijiet usa' dwar l-aspetti kollha tal-migrazzjoni.

⁵⁸ F'Ottubru 2021, il-Kummissjoni nediet il-Kredenzjali Diġitali Ewropej għat-Tagħlim, sett ta' standards u softwer biex tibni, tiffirma, toħroġ, tissevja, tikkondividi, tara' u tivverifika l-kredenzjali rikki fid-data dwar l-apprendiment.

⁵⁹ [Jum Internazzjonali tar-Rimessa: L-UE impenjat ruħha li tnaqqas l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet biex tagħmel l-aħjar użu mis-sors ewleni ta' introjtu għall-migranti u l-familji tagħhom \(europa.eu\); Proposta għal Regolament dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern u li temenda r-Regolament \(UE\) Nru 1093/2010, COM/2023/367 final.](#)

⁶⁰ Mira 10,7 tal-Għan 10 dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanza fi ħdan u fost il-pajjiżi.

⁶¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1364 dwar perkorsi legali għall-protezzjoni fl-UE: il-promozzjoni tar-risistemazzjoni, l-ammissjoni umanitarja u perkorsi komplementari oħra.

L-iżgurar ta' kooperazzjoni internazzjonali effettiva dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema jeħtieġ impenn miftiehem, bl-għan li jiġu żviluppati l-ħiliet, jiġi evitat l-eżodu ta' mħuħ, u jiġu promossi sħubijiet bejn bosta partijiet ikkonċernati inklużi l-awtoritajiet rilevanti fil-pajjiżi ta' destinazzjoni u ta' oriġini, is-settur privat u l-istituzzjonijiet ta' taħriġ. Id-djalogu huwa essenzjali biex jiġu ddefiniti aġendi kondiviżi fit-tul biex jgħinu fil-kisba ta' dan, filwaqt li l-appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet jista' jikkontribwixxi ħafna biex il-prijoritajiet kondiviżi jissarrfu f'azzjoni.

L-UE hija determinata li twieġeb għat-tħassib leġittimu ta' pajjiżi terzi dwar l-eżodu ta' mħuħ, li s-swieq tax-xogħol jistgħu jiġu eżawriti minn ħaddiema mħarrġa, u jillimitaw l-iżvilupp. Id-Direttiva dwar il-Karta Blu fiha obbligi ta' rappurtar biex jiġi mmonitorjat l-impatt tagħha fuq l-eżodu ta' mħuħ u thegġegħ l-appoġġ għall-migrazzjoni ċirkolari ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'livell għoli ta' ħiliet. Il-miżuri stabbiliti f'din il-Komunikazzjoni se jappoġġaw dan l-approċċ billi jindirizzaw il-ħela ta' mħuħ fl-interess ukoll tal-pajjiżi ta' oriġini tal-ħaddiema. L-iżgurar li ċittadini ta' pajjiżi terzi jiġu reklutati għal impjiegi li jikkorrispondu għall-ħiliet u l-kwalifiki tagħhom fis-suq tax-xogħol iżid il-potenzjal għat-trasferiment tal-ħiliet bejn l-UE u l-pajjiżi sħab kif ukoll għar-rimessi.

Jenħtieġ li l-ħidma tkompli tindirizza t-tħassib dwar l-eżodu ta' mħuħ. Mod wieħed kif jitnaqqas ir-riskju huwa li **l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi tiġi mmirata lejn setturi fejn il-karatteristiċi tas-suq tax-xogħol huma komplementari** f'termini ta' provvista żejda ta' ħaddiema. L-UE u l-Istati Membri jistgħu jiffukaw ukoll il-kooperazzjoni fuq setturi li fihom hemm ħtieġa kondiviża għall-ħaddiema u jikkomplementaw il-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni bi **programmi għall-iżvilupp tal-ħiliet** li jistgħu jkun ta' benefiċċju għaż-żewġ swieq tax-xogħol, u jbiddu r-riskju ta' eżodu ta' mħuħ f'kisba ta' mħuħ.

Filwaqt li tibni fuq is-sistemi nazzjonali eżistenti fil-pajjiżi ta' oriġini, l-UE hija diġà involuta f'kooperazzjoni dwar il-ħiliet ma' sħab magħżula skont l-aġenda tal-Global Gateway u fil-Viċinat kollu tal-UE biex issaħħaħ il-kapaċità tal-pajjiżi sħab li jaħdmu mal-UE fuq prijoritajiet strateġiċi f'oqsma bħat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. L-UE tappoġġa wkoll l-eċċellenza fl-edukazzjoni, pereżempju permezz tal-Inizjattiva Reġjonali tal-Għalliema għall-Afrika (Regional Teacher Initiative for Africa, RTIA)⁶².

Fejn possibbli, **il-programmi ta' żvilupp tal-ħiliet marbuta ma' skemi ta' mobilità jeħtieġ li jużaw ukoll standards ta' taħriġ applikati fl-Istati Membri** f'setturi fil-mira. Fejn meħtieġ, jista' jiġi offrut taħriġ biex jimtlew il-lakuni minuri fil-ħiliet wara l-wasla fl-UE. Il-kooperazzjoni teħtieġ ukoll li tindirizza l-komparabbiltà tal-oqfsa tal-kwalifiki u l-evalwazzjoni tal-kredenzjali.

Sħubiji ta' Talent

Is-Sħubijiet tat-Talent għandhom l-għan li jipprovdu oqfsa għal aktar kooperazzjoni bejn l-UE, l-Istati Membri u pajjiżi sħab magħżula dwar il-mobilità tat-talenti u l-iżvilupp tal-ħiliet. Filwaqt li jaħdmu f'approċċ ta' Tim Ewropa, dawn is-sħubijiet jistgħu jipprovdu benefiċċji għaż-żewġ naħat f'konformità ma' **prijoritajiet ta' benefiċċju reċiproku u li jkun mfassla apposta**⁶³. Huwa importanti li jiżdiedu b'mod sinifikanti s-Sħubijiet ta' Talent, li jeħtieġ li jimxu id f'id ma' kooperazzjoni komprensiva fil-ġestjoni tal-migrazzjoni inkluż b'mod partikolari dwar il-kooperazzjoni effettiva dwar ir-riammissjoni.

⁶² https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/ip_23_288

⁶³ COM(2022) 657 final.

Dan l-aħħar l-UE nediet Sħubijiet ta' Talent mal-Marokk, it-Tuneżija, l-Eġittu, il-Pakistan u l-Bangladesh. Diskussjonijiet madwar mejda li saru ma' kull wieħed minn dawn il-pajjiżi⁶⁴ bl-involvement ta' Stati Membri interessati ppermettew li jiġu identifikati setturi u professjonijiet ta' interess reċiproku li għandhom jiġu mmirati. Is-sħab urew **interess qawwi fil-kooperazzjoni dwar l-iżvilupp tal-ħiliet u r-rikonoxximent tal-kwalifiki**. Il-ħtieġa li d-data tqabbel l-istandards ta' kompetenza għal okkupazzjonijiet prijoritarji tqieset bħala l-ewwel pass essenzjali fit-tfassil ta' miżuri f'oqsma bħall-iżvilupp tal-ħiliet, ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u t-taħriġ ta' qabel it-tluq. Id-diskussjonijiet urew ukoll potenzjal għall-kooperazzjoni dwar ir-reklutaġġ, l-għoti ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet rilevanti għall-mobilità, u r-riintegrazzjoni sostenibbli bħala parti mill-migrazzjoni ċirkolari. Is-Sħubijiet tat-Talent jistgħu jappoġġaw ukoll il-ħidma għal kandidati minn pajjiżi terzi ta' qabel l-iskrinjar għar-reklutaġġ, biex jappoġġaw l-ittestjar għal okkupazzjonijiet immirati, kif ukoll għat-taħriġ ta' qabel it-tluq bħal korsijiet tal-lingwa.

Il-kandidati li pparteċipaw f'attivitajiet marbuta mas-Sħubijiet ta' Talent x'aktarx li jkunu ta' interess partikolari għall-impjegaturi tal-UE. Għalhekk, dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi se jiġu mmarkati fir-Riżerva ta' Talent tal-UE bħala li għandhom **“pass ta' Sħubija tat-Talent”**, li ser ikun viżibbli għall-impjegaturi prospettivi u ser jipprovdi informazzjoni dwar il-ħiliet żviluppati jew ivalidati fil-kuntest tas-Sħubija tat-Talent. Il-pass ikun jinkludi informazzjoni dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ tal-persuna li qed tfittex impjeg, kif ukoll ħiliet u kwalifiki li ġew ivalidati fil-kuntest tas-Sħubija tat-Talent.

Mill-2016, tnediet kooperazzjoni settorjali dwar il-ħiliet taħt l-**“alleanzi tal-pjan ta' azzjoni” ta' Erasmus+** f'diversi oqsma rilevanti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali⁶⁵. Xi wħud appoġġaw l-iżvilupp immexxi mill-industrija ta' programmi ta' taħriġ. Is-Sħubijiet tat-Talent jistgħu jipprovdu qafas siewi biex dawn jiġu adattati għal kuntest ta' pajjiżi terzi.

Ir-rwol tas-**settur privat Ewropew** huwa fundamentali għall-attivitajiet tas-Sħubija ta' Talent kemm fit-taħriġ kif ukoll fir-reklutaġġ. L-investimenti tas-settur pubbliku jistgħu jikkomplementaw iżda mhux jissostitwixxu l-kontribuzzjonijiet indispensabbli mis-settur privat li jibbenefika minn ħaddiema tas-sengħa, biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul ta' tali attivitajiet. Is-settur privat, inklużi l-assoċazzjonijiet professjonali, diġà huwa involut f'azzjonijiet iffinanzjati skont is-Sħubijiet ta' Talent, b'mod partikolari fit-tfassil ta' kurrikuli għat-taħriġ f'pajjiżi terzi.

Il-Kummissjoni se tiżgura li l-miżuri stabbiliti f'dan il-pakkett dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jkunu komplementari u jappoġġaw is-Sħubijiet ta' Talent.

Azzjoni: Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-qafas tas-Sħubijiet ta' Talent. Skont il-ħtiġijiet definiti flimkien mal-pajjiżi sħab u l-Istati Membri parteċipanti, il-Kummissjoni ser:

- **tikkunsidra l-pajjiżi tas-Sħubija ta' Talent għal analiżi mmirata tal-oqfsa tal-kwalifiki tagħhom;**

⁶⁴ Saru diskussjonijiet madwar mejda fl-1 ta' Marzu 2023 mal-Bangladesh, fil-15 ta' Marzu mal-Pakistan, fis-26 ta' April mal-Marokk, fis-7 ta' Ġunju mal-Eġittu u fit-22 ta' Ġunju mat-Tuneżija.

⁶⁵ Dawn l-alleanzi jlaqqgħu flimkien partijiet ikkonċernati ewlenin minn diversi ekosistemi industrijali inklużi n-negozji, it-trejdjunjins, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll l-awtoritajiet pubbliċi. Il-Pjan ta' Azzjoni għall-kooperazzjoni settorjali dwar il-ħiliet huwa rikonoxxut fl-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa bħala inizjattiva ewlenija biex jiġu pprovduti soluzzjonijiet għall-iżvilupp tal-ħiliet.

- tinkoraġġixxi **l-bini tal-kapaċità tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ** fil-pajjiżi tas-Sħubija ta' Talent abbażi tal-azzjonijiet ippjanati skont l-NDICI-Ewropa Globali kif ukoll id-dimensjoni internazzjonali tal-Erasmus+;
- mal-Istati Membri, ittejjeb **l-informazzjoni dwar il-proċeduri ta' rikonossiment għal ċittadini ta' pajjiżi terzi** mmirati lejn pajjiżi tas-Sħubija ta' Talent;
- tibni **kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi sħab involuti fis-Sħubijiet ta' Talent dwar ir-rikonossiment tal-kwalifiki**.

6. IFFAĊILITAR TAL-MOBILITÀ TAL-ISTUDENTI U L-PERSUNAL INVOLUTI FIT-TAGĦLIM U T-TAĦRIĠ – “EWROPA ATTIVA”

Bħala parti minn dan il-pakkett dwar il-mobilità tat-talenti, il-Kummissjoni qed tipproponi **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas imġedded tal-mobilità għat-tagħlim**. L-għan ta' din il-proposta li tiffaċilita l-mobilità għat-tagħlim fl-UE se jkun ta' benefiċċju l-ewwel u qabel kollox għaċ-ċittadini tal-UE. Iżda jagħti wkoll l-opportunità li titħeġġeġ kooperazzjoni mill-qrib dwar il-mobilità għat-tagħlim ma' pajjiżi terzi f'**approċċ ta' Tim Ewropa**, filwaqt li tiġi sfruttata l-attrazzjoni ġenerali tal-UE bħala destinazzjoni għall-iżvilupp tal-ħiliet. Dan jista' jibni fuq azzjonijiet tal-programm Erasmus+ - b'mod partikolari l-inizjattiva Studju fl-Ewropa u l-azzjonijiet Erasmus Mundus - li għandhom l-għan speċifiku li jattiraw studenti minn pajjiżi terzi b'talent lejn l-UE. Il-proposta tappella wkoll għal azzjoni biex jiġu indirizzati l-isfidi rikorrenti ffaċċjati minn ċittadini ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari proċeduri għall-ħruġ ta' viżi jew permessi ta' residenza għal dawk li jagħżlu l-Ewropa bħala d-destinazzjoni tat-tagħlim tagħhom.

L-istudenti tal-edukazzjoni għolja li bbenefikaw minn mobilità għat-tagħlim permezz ta' Erasmus+ huma aktar probabbli li jaħdmu barra minn pajjiżhom jew f'impjieg b'dimensjoni internazzjonali⁶⁶. Meta n-nies jiġbru esperjenzi pożittivi matul il-mobilità temporanja għat-tagħlim fl-UE, se jkunu aktar inklinati li jirritornaw f'xi stadju biex jibdeu f'impjieg ġdid.

Il-proposta tħeġġeġ lill-Istati Membri **jneħħu l-ostakli li fadal għall-mobilità għat-tagħlim barra mill-pajjiż** b'mod li jinkorporaw l-opportunità għal perjodi ta' mobilità fil-kurrikuli tal-edukazzjoni u t-taħriġ kollha. Il-kooperazzjoni tal-Istati Membri mal-istituzzjonijiet fil-pajjiżi sħab hija wkoll ta' importanza ewlenija, inkluż l-użu sħiħ tal-Kodiċi tal-UE dwar il-Viżi⁶⁷ u d-Direttiva dwar l-Istudjanti u r-Riċerkaturi⁶⁸.

Azzjoni: Il-Kummissjoni tipproponi **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas għall-Mobbiltà tat-Tagħlim**⁶⁹.

Bħala parti minn din il-proposta, l-Istati Membri huma mistiedna jikkooperaw mill-qrib f'approċċ ta' Tim Ewropa biex jippromwovu aktar l-Ewropa bħala destinazzjoni ta' apprendiment għat-talent minn pajjiżi terzi. Ir-ratifika mill-Istati Membri tal-Konvenzjoni Globali tal-UNESCO dwar ir-Rikonossiment ta' Kwalifiki dwar l-Edukazzjoni Għolja tagħti wkoll kontribut siewi.

⁶⁶ Studju dwar l-Impatt tal-Edukazzjoni Għolja tal-Erasmus+, 2019.

⁶⁷ Ir-Regolament 810/2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi).

⁶⁸ Ir-Direttiva 2016/801 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħal u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing.

⁶⁹ COM(2023) 719 final.

Il-Kummissjoni se tappoġġa l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni billi:

- timmappja l-użu tal-flussi ta' finanzjament rilevanti tal-UE (pereż. Erasmus+, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà) u finanzjament ieħor fil-livell nazzjonali jew internazzjonali biex titqajjem kuxjenza dwar il-prattika tajba u jitrawmu sinerġiji bejn l-azzjonijiet ta' mobilità għat-tagħlim. L-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej skont iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni għenu biex titrawwem mobilità bbilanċjata tal-istudenti fl-UE u l-approċċ jista' jispira wkoll mobilità msaħħa lil hinn mill-fruntieri tal-UE;
- tappoġġa lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' approċċ komprensiv għat-tagħlim u l-apprendiment tal-lingwi, li jkollu wkoll impatt ta' benefiċċju fuq ċittadini ta' pajjiżi terzi.

7. KONKLUŻJONI

Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi varjetà ta' flussi ta' xogħol biex tiżdied l-attrazzjoni tal-UE għall-ħaddiema tas-sengħa minn pajjiżi terzi li se jkunu kruċjali għas-saħħa futura tas-suq tax-xogħol tal-UE. Dawn jistgħu jiġu segwiti flimkien ma' għanijiet ta' politika ewlenin oħra bħat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol domestika, il-mobilità għat-tagħlim, l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, l-iżgurar li l-ħaddiema kollha fl-UE jgawdu minn kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u d-diżinċentiv għall-migrazzjoni irregolari lejn l-UE.

Il-mobilità msaħħa trid tkun ibbażata fuq informazzjoni preċiża dwar is-suq tax-xogħol u l-ħiliet, b'enfażi ċara fuq l-okkupazzjonijiet li qed jiffaċċjaw nuqqasijiet ġenwini. Il-kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab internazzjonali dwar perkorsi legali lejn l-UE se tkun essenzjali.

Is-suċċess tal-mobilità tat-talenti jirrikjedi rieda mill-awtoritajiet nazzjonali u mill-partijiet ikkonċernati f'setturi differenti inklużi l-migrazzjoni, l-impjiegi u l-iżvilupp tal-ħiliet, u l-edukazzjoni, biex jaħdmu lejn objettivi kondiviżi. Il-Kummissjoni hija impenjata li tappoġġa din il-kooperazzjoni transsettorjali u sserraħ fuq impenn qawwi tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Istati Membri, u tas-sħab soċjali biex tiżdied l-attrazzjoni tal-UE għat-talent u l-ħiliet globali.

ANNESS

Eżempji ta' azzjonijiet li għaddejjin biex jiġi massimizzat il-potenzjal tal-forza tax-xogħol domestika tal-UE

Fl-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet, l-ewwel prijorità tal-UE hija li timmassimizza l-potenzjal tal-forza tax-xogħol domestika. Id-djalogu mas-sħab soċjali huwa essenzjali għal dan il-proċess, bħalma hija l-ispinta lill-attraenza tal-impjiegi, b'mod partikolari billi jiġu indirizzati kundizzjonijiet tax-xogħol inadegwati, jiġu promossi opportunitajiet indaqs u tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni. Diġà għaddejjin ħafna azzjonijiet:

- * *Tmintax-il Sħubija għall-Ħiliet fuq Skala Kbira, skont **il-Patt għall-Ħiliet**, ilaqqgħu flimkien lis-sħab soċjali u lill-partijiet ikkonċernati li jħarrġu mill-ġdid miljuni ta' persuni, u qed jitħejjew aktar sħubijiet.*
- * *Sabiex **ir-rikonoxximent tal-ħiliet diġitali jsir aktar rapidu u faċli**⁷⁰ fuq Ċertifikat Ewropew tal-Ħiliet Diġitali tnedja proġett pilota bħala tikketta tal-kwalità għaċ-ċertifikazzjoni tal-ħiliet diġitali, flimkien ma' Qafas ta' Kompetenza Diġitali aġġornat, bħala qafas ta' referenza għall-ħiliet diġitali.*
- * *Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri qed isegwu riformi sinifikanti fl-apprendistati, appoġġati mill-Kummissjoni permezz tal-**Alleanza Ewropea għall-Apprendistati**.*
- * ***Il-fondi tal-UE** qed jinvestu madwar EUR 65 biljun⁷¹ fit-taħriġ. Dan jinkludi l-ġajjnuna biex jiġu żviluppati **100 proġett għal Ċentri ta' eċċellenza vokazzjonali** f'oqsma bħall-manifattura avvanzata jew l-intelliġenza artifiċjali.*
- * *L-UE qed tinvesti aktar minn EUR 1,1 biljun⁷² fit-tnedija ta' mill-inqas 60 **alleanza tal-Universitajiet Ewropej** li jinvolvu aktar minn 500 istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja, li jaġixxu bħala pijunieri biex jipprovdu ħiliet li jibqgħu validi fil-futur lill-istudenti u lill-istudenti tul il-ħajja*
- * *Il-politika u l-finanzjament tal-UE qed jippromwovu titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid effettivi. Madwar nofs l-Istati Membri qed jaħdmu biex joħolqu **kontinġent individwali tal-apprendiment**⁷³, bl-għan li jipprovdu lil kull adult bil-possibbiltà ta' taħriġ rilevanti għas-suq tax-xogħol. Il-mikrokredenzjali huma għodda effettiva għat-titjib tal-ħiliet u għat-taħriġ mill-ġdid biex jimtlew id-diskrepanzi fil-ħiliet emerġenti godda⁷⁴.*
- * ***Il-Mekkaniżmu ta' Spinta tat-Talent** se jappoġġa lir-reġjuni b'taħriġ, li jżommu u jattiraw persuni b'ħiliet, b'mod partikolari reġjuni li qed jiffaċċjaw tluq sinifikanti ta' ħaddiema bħala parti mill-isfruttar tat-talenti fir-reġjuni tal-Ewropa⁷⁵.*
- * *Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-introjtu minimu⁷⁶ tinkludi enfażi fuq il-previżjoni ta' **perkorsi għall-impjeg** għal dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol, inkluż*

⁷⁰ Imniedi bħala parti mill-Pakkett dwar il-Ħiliet u l-Edukazzjoni Diġitali fit-18 ta' April 2023.

⁷¹ Dan jinkludi appoġġ mill-Fond Soċjali Ewropew Plus, skont il-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza, u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali kif ukoll EUR 400 miljun permezz ta' Erasmus+.

⁷² Appoġġ ta' Erasmus+ għall-perjodu 2021-2027.

⁷³ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32022H0627%2803%29>

⁷⁴ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għal tagħlim tul il-ħajja u impjegabbiltà. L-appoġġ finanzjarju tal-UE nkiseb primarjament mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Fond Soċjali Ewropew Plus u Erasmus+.

⁷⁵ COM(2023) 32 final.

appoġġ għall-introjt, għajnuna biex jinstab impjeg, kif ukoll servizzi soċjali personalizzati.

- * *It-tqegħid ta' żgħażaġh barra mill-edukazzjoni, impjeg jew taħriġ fis-suq tal-impjegi huwa fokus tal-Garanzija għaż-Żgħażaġh⁷⁷ u tal-inizjattiva ALMA⁷⁸, li tgħin aktar minn 43 miljun f'impjeg jew f'edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew traineeship matul l-aħħar 10 snin.⁷⁹*
- * *Il-pjan ta' azzjoni dwar l-integrazzjoni u l-inklużjoni 2021-2027⁸⁰ u l-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razziżmu⁸¹ jappoġġaw l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u ċittadini tal-UE bi sfond ta' migrazzjoni, jew ta' minoranza razzjali jew etnika fl-UE.*
- * *L-implimentazzjoni tal-politiki biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tal-ħaddiema ssaħħet permezz tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (European Labour Authority, ELA) il-ġdida. Id-diġitalizzazzjoni u l-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali qed ikomplu jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali b'mod transfruntier⁸².*
- * *Leġiżlazzjoni ġdida dwar il-Pagi Minimi se tkun kruċjali għat-titjib tad-drittijiet tal-ħaddiema, u l-proposti tal-Kummissjoni dwar ix-xogħol fuq il-pjattaformi, il-protezzjoni minn sustanzi perikolużi fuq il-post tax-xogħol, u l-korpi tal-ugwaljanza kif ukoll il-proposta li jmiss dwar it-tisħiħ tal-qafas tal-kwalità għat-traineeships kollha jtejbju b'mod sinifikanti l-kundizzjonijiet tax-xogħol.*
- * *Il-kisba ta' Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, fejn iż-żgħażaġh u l-istudenti tul il-ħajja jirċievu l-aħjar edukazzjoni u taħriġ u jistgħu jistudjaw u jsibu impjegi madwar il-kontinent, se tkun kruċjali fl-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet, bl-appoġġ tal-fondi tal-UE⁸³.*
- * *Il-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku – u dan jista' jinkludi appoġġ biex jitfasslu u jiġu implimentati riformi tal-migrazzjoni tal-haddiema⁸⁴ kif ukoll biex jitfasslu u jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' tbassir tal-ħiliet⁸⁵, u biex jiġu ffaċilitati l-proċeduri għar-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-validazzjoni tal-ħiliet.*

⁷⁶ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Jannar 2023 dwar introjt minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva.

⁷⁷ [Il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa - Impjegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni - Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

⁷⁸ [ALMA \(Aspira, Tgħallem, Aħkem, Ikseb\)](#)

⁷⁹ COM(2023) 577 final.

⁸⁰ COM(2020) 758 final.

⁸¹ COM(2020) 565 final.

⁸² COM(2023) 501 final.

⁸³ Il-programm Erasmus+ qed isaħħaħ l-appoġġ tiegħu għall-opportunitajiet ta' mobilità għat-tagħlim għall-istudenti, l-istudenti tal-VET, l-apprendisti, l-istudenti adulti u l-istudenti tal-iskola, bl-għan li tingħata spinta lill-inklużjoni u tiġi indirizzata d-domanda dejjem tikber għall-ħiliet madwar l-UE u lil hinn minnha.

⁸⁴ TSI 2023 Flagship [“L-integrazzjoni tal-migranti u l-attrazzjoni tat-talent \(europa.eu\)”](#)

⁸⁵ TSI 2024 Flagship [“Flagship dwar il-ħiliet: It-trawwim ta' sistemi għall-iżvilupp tal-ħiliet adattati aħjar għas-suq tax-xogħol \(europa.eu\)”](#)